MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 991/2007

**Dr Cedric Mifsud a nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Cayley Chemicals Corporation**

**vs**

**(1) Promax International Limited (C31752)**
**(2) Edgar Urpani (ID292468)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti datat 26 ta' Settembru 2007 fejn gie premess:

1. Illi s-socjeta rikorrenti bieghet u kkonsenjat merkanzija, li tikkonsisti f'kimici, lis-socjeta ntimata Promax International Limited;

2. Illi l-merkanzija kienet imqassma f’tlett konsenji differenti u dan skond:

(a) 'Invoice' numru 4746/2, datat 11 ta' Ottubru 2005, li jammonta ghal ghal hamsa u ghoxrin elf, tnejn u tlettin Dollaru Amerikan (USD 25,032.00), ekwivalenti ghal madwar tmient elef, hamsa u sebghin liri Maltin (Lm8,075) (€ 18,573), (Dok CC1);

(b) 'Invoice' numru 4779, datat 25 ta' Ottubru 2005, li jammonta ghal erbgha u ghoxrin elf, mitejn u ghaxar Dollari Amerikani (USD24,210) ekwivalenti ghal madwar sebat elef tmien mija u disa’ liri Maltin (Lm7,809) (€17,961), (DokCC2);

(c) 'Invoice' numru 4746/1 datat 7 ta' Novembru 2005, li jammonta ghal tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u sebghin Dollaru Amerikan (USD 23,670) ekwivalenti ghal madwar sebat elef, sitt mija u hamsa u tlettin liri Maltin (Lm7,635) (€17,560), (Dok CC3);

3. Illi ghalkemm il-merkanzija kif deskritta fl-'Invoices' hawn fuq imsemmija gew konsenjati lis-socjeta ntimata, kif juru l-‘Bills of Landing' immarkati Dok CC4, Dok CC5, Dok CC6, dawn baqghu qatt ma thallsu;

4. Illi d-direttur tas-socjeta ntimata, l-intimat Edgar Urpani, dejjem wieghed li s-socjeta ntimata ser thallas l-ammonti dovuti li globalment jammontaw ghal tnejn u sebghin elf, disa’ mija u tnax-il Dollaru Amerikan (USD72,912.00) ekwivalenti ghal madwar tlieta u ghoxrin elf, hames mija u ghoxrin liri Maltin (Lm23,520) (€54,096);

5. Illi d-direttur u unika azzjonista tas-socjeta intimata, Edgar Urpani, kkostitwixxa ruhu bhala debitur mas-socjeta Promax International Limited, permezz ta' skrittura privata datata 18 ta' Dicembru 2006 (Dok CC7), f’liema skrittura elenka programm ta' hlas lis-socjeta rikorrenti;

6. Illi Edgar Urpani obbliga ruhu li fl-eventwalita li s-socjeta ntimata ma thallasx il-pagamenti, skond il-programm ta' hlas kif indikat fil-kostituzzjoni ta' debitu,

jhallas l-ammont kollu dovut, u dan skond klawsola 4 tal-kostituzzjoni ta' debitu.

7. Illi l-ahhar pagament, skond l-iskrittura privata, kellu jsir fit-30 ta' Gunju 2007;

8. Illi l-ammonti hawn fuq imsemmija intalabu kemm-il darba minghand is-socjeta ntimata izda huma baqghu ma hallsux; ghalhekk l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta rikorrenti l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talba li qed issirilhom;

Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti talbet li l-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tas-socjeta rikorrenti bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-artikolu 167 ta' Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tnejn u sebghin elf, disgha mija u tnax-il Dollaru Amerikan (USD72,912.00) ekwivalenti ghal madwar tlieta u ghoxrin elf, hames mija u ghoxrin liri Maltin (Lm23,520) (€54,096) ammont minnhom dovut ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-intimati debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehru.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**, b’dan illi:

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tnejn u sebghin elf, disa’ mija u tnax-il Dollaru Amerikan (USD72,912.00) ekwivalenti ghal madwar tlieta u ghoxrin elf, hames mija u ghoxrin liri Maltin (Lm23,520) (€54,096) ammont minnhom dovut ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------